

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1899**tas-26 ta' Ottubru 2016****li temenda d-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/197/KEE u 2004/211/KE fir-rigward tal-ammissjoni u l-importazzjoni temporanja ta' żwiemel reġistrati minn ċerti partijiet tal-Eġittu***(notifikata bid-dokument C(2016) 6791)***(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/156/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw il-moviment u l-importazzjoni minn pajjiżi terzi ta' ekwidi ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 12(1) u (4), il-punt (a) tal-Artikolu 15 u l-frażi introduttorja u l-punti (a) u (b) tal-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2009/156/KE tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni tal-ekwidi ħajjin fl-Unjoni. Hi tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi, fost affarijiet oħra, il-kundizzjonijiet speċjali għad-dħul temporanju u l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ekwidi rreġistrati.
- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/260/KEE ⁽²⁾ tistipula li l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul temporanju fl-Unjoni ta' żwiemel reġistrati li jkunu ġejjin mill-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tagħha. Dak l-Anness jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi fejn hija applikata r-reġjonalizzazzjoni uffiċjali u jassenja dawk il-pajjiżi terzi fi gruppi sanitarji speċifiċi, skont is-sitwazzjoni tas-saħħa tagħhom.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/197/KEE ⁽³⁾ tistipula li l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ekwidi rreġistrati u ta' ekwidi għat-tgħammir u l-produzzjoni li jkunu ġejjin mill-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I tagħha. Dak l-Anness jistabbilixxi listi ta' pajjiżi terzi fejn hija applikata r-reġjonalizzazzjoni uffiċjali u jassenja dawk il-pajjiżi terzi fi gruppi sanitarji speċifiċi, skont is-sitwazzjoni tas-saħħa tagħhom.
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE ⁽⁴⁾ tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, jew ta' partijiet minnhom fejn tapplika r-reġjonalizzazzjoni, li minnhom l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjoni tal-ekwidi u s-semen, l-ova u l-embrijuni tagħhom. L-Anness I ta' din id-Deċiżjoni jistabbilixxi l-lista u jassenja wkoll il-pajjiżi terzi, jew partijiet minnhom, fi gruppi sanitarji speċifiċi.
- (5) Id-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/197/KEE u 2004/211/KE kienu assenjaw lill-Eġittu fil-grupp sanitarju E. Madankollu, wara spezzjoni veterinarja mwettqa fl-Eġittu f'Ġunju 2010, ġie deċiż li s-sitwazzjoni f'dak il-pajjiż terz tista' tikkostitwixxi riskju serju għas-saħħa tal-annimali għall-popolazzjoni tal-ekwini fl-Unjoni. B'risultat ta' dan, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/463/UE ⁽⁵⁾ ġiet adottata sabiex tħassar l-entrata għall-Eġittu fil-Grupp Sanitarju E kif elenkat fl-Anness I tad-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/195/KEE u 93/197/KEE u biex tiġi emendata l-entrata għall-Eġittu fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE.

⁽¹⁾ ĠUL 192, 23.7.2010, p. 1.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 92/260/KEE tal-10 ta' April 1992 dwar kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u ċertifikazzjoni veterinarja għal dħul temporanju ta' żwiemel irreġistrati (ĠUL 130, 15.5.1992, p. 67).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/197/KEE tal-5 ta' Frar 1993 fuq il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u ċertifikazzjoni tal-veterinarju għall-importazzjoni ta' annimali tar-razza tal-ekwidi rreġistrati għat-tniissil u produzzjoni (ĠUL 86, 6.4.1993, p. 16).

⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/211/KE tas-6 ta' Jannar 2004 li tistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi u ta' partijiet mit-territorju tagħhom li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' equidae ħajjin u ta' semen, ova u embrijuni tal-ispeċi ekwina, u li temenda d-Deċiżjonijiet 93/195/KEE u 94/63/KE (ĠUL 73, 11.3.2004, p. 1).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/463/UE tal-20 ta' Awwissu 2010 li temenda d-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/195/KEE, 93/197/KEE u 2004/211/KE fir-rigward ta' ammissjoni temporanja, dħul mill-ġdid wara esportazzjonijiet u importazzjonijiet temporanji ta' żwiemel reġistrati u importazzjonijiet ta' semen tal-ispeċi ekwini minn ċerti partijiet tal-Eġittu (ĠU L 220, 21.8.2010, p. 74).

- (6) Il-kunċett ta' "Żona Ħielsa mill-Mard tal-Ekwini" (EDFZ) żviluppat mill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) ⁽¹⁾ jirrifletti l-prinċipji ta' regionalizzazzjoni stipulati fid-Direttiva 2009/156/KE. EDFZ hija għalhekk parti mit-territorju ta' pajjiż taħt superviżjoni veterinarja speċifika li hija ħielsa minn mard ekwin speċifikat multiplu u hija normalment stabbilita fejn il-kontroll u l-eradikazzjoni tal-mard kollu taż-żwiemel fit-territorju kollu ta' pajjiż ma jkunux fattibbli jew ma jistgħux jitwettqu. Is-separazzjoni tal-ekwidi fl-EDFZ minn ekwidi oħra tinkiseb permezz tal-implimentazzjoni ta' ġestjoni ta' bijosigurtà tajba, standards u proċeduri ta' ċertifikazzjoni, ippjanar ta' kontinġenza u identifikazzjoni taż-żwiemel kollha li jinsabu fl-EDFZ u l-kapaċità għar-rintraċċar tal-moviment tagħhom.
- (7) F'Ġunju 2016, l-Eġittu talab li l-Kummissjoni terġa' tikkunsidra l-istatus ta' esportazzjoni ta' dak il-pajjiż terz u ressaq dokumentazzjoni dwar it-twaqqif ta' EDFZ madwar l-Isptar Veterinarju tal-Forzi Armati Eġizzjani li jinsab fil-lvant tal-periferija tal-Kajr. L-EDFZ hija konnessa mal-Ajruport Internazzjonali tal-Kajr, li jinsab anqas minn 10 km 'il bogħod, permezz ta' awtostrada.
- (8) Mid-dokumentazzjoni sottomessa mill-Eġittu jidher li l-garanziji offruti mill-Eġittu huma biżżejjed biex l-Eġittu jerġa' jiġi assenjat fil-Grupp Sanitarju E u li jiġu awtorizzati l-ammissjoni u l-importazzjoni temporanji ta' żwiemel reġistrati fl-EDFZ tal-Eġittu.
- (9) Id-Deċiżjonijiet 92/260/KEE, 93/197/KEE u 2004/211/KE għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.
- (10) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Deċiżjoni 92/260/KEE huwa emendat skont l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

L-Anness I tad-Deċiżjoni 93/197/KEE huwa emendat skont l-Anness II ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE huwa emendat skont l-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Ottubru 2016.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ <http://www.oie.int/en/our-scientific-expertise/specific-information-and-recommendations/international-competition-horse-movement/equine-disease-free-zones/>

ANNEX I

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 92/260/KEE, il-lista tal-pajjiżi terzi fil-Grupp Sanitarju E toħdilha postha din li ġejja:

“L-Emirati Gharab Magħquda (AE), il-Bahrejn (BH), l-Alġerija (DZ), l-Eġittu ⁽³⁾ (EG), l-Iżrael ⁽⁴⁾ (IL), il-Ġordan (JO), il-Kuwajt (KW), il-Libanu (LB), il-Marokk (MA), l-Oman (OM), il-Katar (QA), l-Arabja Sawdija ⁽³⁾ (SA), it-Tuniżija (TN), it-Turkija ⁽³⁾ (TR)”.

ANNEX II

Fl-Anness I tad-Deċiżjoni 93/197/KEE, il-lista tal-pajjiżi terzi fil-Grupp Sanitarju E toħdilha postha din li ġejja:

“L-Emirati Gharab Magħquda ⁽³⁾ (AE), il-Bahrejn ⁽³⁾ (BH), l-Alġerija (DZ), l-Eġittu ⁽²⁾ ⁽³⁾ (EG), l-Iżrael ⁽⁵⁾ (IL), il-Ġordan ⁽³⁾ (JO), il-Kuwajt ⁽³⁾ (KW), il-Libanu ⁽³⁾ (LB), il-Marokk (MA), il-Mawrizju ⁽³⁾ (MU), l-Oman ⁽³⁾ (OM), il-Katar ⁽³⁾ (QA), l-Arabja Sawdija ⁽³⁾ (SA), it-Tuniżija (TN), it-Turkija ⁽²⁾ ⁽³⁾ (TR)”.

ANNEX III

L-Anness I tad-Deċiżjoni 2004/211/KE huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata għall-Eġittu joħdilha postha dan li ġej:

"EG	l-Eġittu	EG-0	Il-pajjiż kollu	E	—	—	—	—	—	—	—	—	—	—
		EG-1	Iż-Żona Ħielsa mill-Mard Ekwin stabbilita fl-Isptar Veterinarju tal-Forzi Armati Eġizzjani fi Triq El Nasr, faċċata tal-Klabb AL Ahly, il-Kajr, u l-konnessjoni bl-awtostrada mal-Ajruport Internazzjonali tal-Kajr (ara l-Kaxxa 7 għad-dettalji)	E	X	—	X	—	—	—	—	—	—	—

(2) tinżied il-Kaxxa 7 li ġejja:

"Kaxxa 7			
EG	l-Eġittu	EG-1	<p>Iż-Żona Ħielsa mill-Mard Ekwin (EDFZ) hija ta' madwar 0,1 km² stabbilita madwar l-Isptar Veterinarju tal-Forzi Armati Eġizzjani fi Triq El-Nasr, faċċata tal-Klabb Al Ahly, fil-lvant tal-periferija tal-Kajr, (lokalizzata f'30°04'19,6"N 31°21'16,5"E) u l-konnessjoni bl-awtostrada ta' 10 km fuq it-Triq El-Nasr u Triq l-Ajruport mal-Ajruport Internazzjonali tal-Kajr.</p> <p>(a) Id-delineazzjoni tal-fruntieri tal-EDFZ:</p> <p>Mill-intersezzjoni ta' Triq El Nasr ma' Triq El-Shaheed Ibrahim El-Shaikh (f'30°04'13,6"N 31°21'04,3"E) tul Triq El-Shaheed Ibrahim El-Shaikh għal madwar 500 m lejn it-Tramuntana sal-ewwel intersezzjoni mal-"Passaġġ Ġewwa l-Forzi Armati" ("il-Passaġġ"), iddur fuq il-lemin u ssegwi l-Passaġġ għal madwar 100 m lejn il-Lvant, iddur mill-ġdid fuq il-lemin u ssegwi l-Passaġġ għal 150 m lejn in-Nofsinhar, iddur fuq ix-xellug u ssegwi l-Passaġġ għal 300 m lejn il-Lvant, iddur fuq il-lemin u ssegwi l-Passaġġ għal 100 m lejn in-Nofsinhar sa Triq El-Nasr, iddur fuq il-lemin u ssegwi Triq El-Nasr għal 300 m lejn il-Lbiċ sakemm tiġi faċċata tal-intersezzjoni ta' Triq El-Nasr ma' Triq Hassan Ma'moon, iddur fuq il-lemin u ssegwi l-Passaġġ għal 100 m lejn it-Tramuntana, iddur fuq ix-xellug u ssegwi l-Passaġġ għal 120 m lejn il-Punent, iddur fuq ix-xellug u ssegwi l-Passaġġ għal 200 m lejn in-Nofsinhar, iddur fuq il-lemin u ssegwi Triq El-Nasr għal 100 m lejn il-Punent sal-intersezzjoni ta' Triq El-Nasr ma' Triq El-Shaheed Ibrahim El-Shaikh.</p> <p>(b) Id-delineazzjoni tal-fruntiera taż-żona tal-kwarantina ta' qabel l-esportazzjoni fi ħdan l-EDFZ:</p> <p>Mill-punt faċċata tal-intersezzjoni ta' Triq El-Nasr ma' Triq Hassan Ma'moon, issegwi l-Passaġġ għal 100 m lejn it-Tramuntana, iddur fuq il-lemin u ssegwi l-Passaġġ għal 250 m lejn il-Lvant, iddur fuq il-lemin u ssegwi l-Passaġġ għal 50 m lejn in-Nofsinhar sat-Triq El-Nasr, iddur fuq il-lemin u ssegwi Triq El-Nasr għal 300 m lejn il-Lbiċ sakemm tkun faċċata tal-intersezzjoni ta' Triq El-Nasr ma' Triq Hassan Ma'moon."</p>